anqas mhu bizzejjed li darba f'hajtek tkun qbadt f'idejk il-ghodda; ix-xoghol u ż-żmien biss jaghmluk imghallem.

Liema triq jaqbdu l-ghorrief Maltin? Inhambqu hafna fuq il-htieġa tal-kultura ġenerali, irrida li ż-żgħażagh taghna jithargu tajjeb fiha, bhallikieku hliefha ma hemmx x'wiehed jitghallem. Jidhrilna li wiehed li ma jkunx imkisser tajjeb fit-taghlim ta' l-ilsna u tal-letteraturi ma ghandux jibqa' miexi aktar 'il quddiem fit-triq tal-gherf, u ghalhekk jiġri li dawk li joghġbuhom l-ilsna u l-letteraturi aktarx jieqfu fl-ewwel belt u ohrajn li aktar ikunu miġbudin lejn taghlim iehor ikunu mfixklin u miżmumin forsi ghal dejjem fit-triq tat-taghlim li jkun aktar ghal qalbhom. Min jaf kemm żgħażagh, miġbudin ghax-xjenzi jew taghlim iehor gholi ntilfu ghal kollox minhabba xi nuqqas fil-letteraturi. Sbieh l-ilsna u l-letteraturi, sabiha u mehtieġa l-kultura ġenerali, imma wisq isbah il-proporzjon fit-tqsim tat-taghlim. U ahna, li ma narawx hlief is-suġġett taghna, il-proporzjon ma narawhiex. X'jiswa bhala professjonista tabib jew avukat li jkun jaf jikteb poeżiji sbieh u ma jkunx jinqala' bizzejjed fil-professjoni tieghu? Ikun jixbah lil raġel b'ras kbira u ġisem żghir, jew b'ras żghira u ġisem kbir li flimkien jaghmlu raġel ikrah.

Fost dawk li jaslu sal-bliet tat-Teoloġija, tal-Liġi jew tal-Mediċina l-kotra l-kbira jieqfu hemm u hemm ighaddu hajjithom kollha. Iżda x'uhud iridu jitghallmu dejjem il-ġdid u jibqghu jimxu dejjem 'il quddiem mal-gherf. Ghandna wkoll xi ftit li jaqbdu t-triq ta' l-ispeċjalizzazzjoni, imma dawk li jaghmlu t-tiftix u t-taktir tal-gheri il-hidma ta' hajjithom kollha, kemm ghandna minnhom?

Din hi t-triq tal-gherf kif naraha jien. Kif imxejt fiha? Kif mexxejt u ridt immexxi l-ohrajn fiha? Biex inwieġeb sewwa, jahtieġ nitkellem fuqi nnifsi u nikxef il-qalba ta' qalbi, mhux biex niftahar — il-ftahir inhalluh lil haddiehor — imma biex il-hidma tieghi tidher kollha kif inhi, bid-dija u d-dell taghha, kif tfasslet f'mohhi u nhadmet minn idi, biex kliemi jiswa forsi biex ikebbes xrara f'qalb xi hadd miż-żgħażagh. Il-bqija ghal darb'ohra.

---



## IL-MILIED IT-TAJJEB!

*Lill-Prof. Kav. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H. u lill-familja tieghu.*

*Ta'* ĠUŻE' BORG PANTALLERESCO

Li kienu x-xewqat isehhu
f'dina l-art
hajja sabiha rridilkom
taht Sema tal-kobalt:

qmuh, dwieli
u frott mill-aktar bnin,
djar bir-rham miksija
u harir fin;
ghall-Milied
u s-snin l-ohra kollha li ġejjin:

faraġ tas-Sema
kull fejn tmiddu riġlejkom;
u 'l dawn li thobbu rridilkom
dejjem hdejkom:

fix-xewqat tieghi
m'hemmx dmugh ghalikom,
m'hemmx hemm;
ta' fomm bi kliem helu mżejjen
ma ġġarrbux is-semm:

Triqtkom ġonna bin-nwar
minn tarf sa tarf
tapiti taż-żahar.

Nixtiqilkom,
jiem mill-isbah
taht Sema blù bhal kobalt —
li kienu x-xewqat isehhu
f'dina l-art!